# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar L-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 1656/00mm**

**Mark Paul Lupi**

**vs**

**Saviour Pisani**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut li fi zmien qasir u perentorju li jigi fissat lill-konvenut minn din il-Qorti jikkonsenja lura lill-attur il-fond numru 198, Main Street, San Giljan, vojt u bic-cwievet peress

illi l-konvenut baqa' jiddetjenieh wara l-mewt ta' l-inkwilina tieghu Maria Stella Agius fis-17 ta' Mejju, 2000, u dana llegalment u abbuziv u minghajr titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Lulju, 2000, u ta' l-ittri nterpellatorji tad-19 ta' Gunju u tas-17  ta' Lulju, 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

B'riserva ghall-kull azzjoni ohra spettanti lill-attur kontra l-konvenut skond il-ligi u b'mod specifiku l-azzjoni ghad-danni diga sofferti u li ghad irid isofri l-istess attur minhabba l-agir illegali tal-konvenut.

Ghal finijet ta' kompetenza gie dikjarat illi l-fond in kwistjoni kien mikri bit-tletin lira Maltin fis-sena.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba attrici u iddikjara li jirrilaxxa l-fond in kwistjoni lura lill-attur sa' mhux aktar tard mill-15 ta' Settembru, 2001.

Rat illi l-attur aderixxa ghall-kundizzjonijet imsemmija fl-istess nota.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tordna l-izgumbrament b'effett mill-15 ta' Settembru, 2001, tal-fond numru 198, Main Street, San Giljan, vojt u bic-cwievet peress illi l-konvenut baqa' jiddetjenieh wara l-mewt ta' l-inkwilina tieghu Maria Stella Agius fis-17 ta' Mejju, 2000, bl-ispejjez kontra l-konvenut.